MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 2/2006

**Richard Azzopardi**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Jannar, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra l-appell ta' Richard Azzopardi permezz ta' l-ittra tieghu tas-16 ta' Marzu 2004, ghad-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali fejn gie stabbilit l-ammont ta' pensjoni dovut lill-istess Azzopardi; din id-decizjoni giet appellata peress li d-Dipartiment ma kienx qabel mal-figuri indikati mill-appellant.

Il-punt principali kien jirrigwarda l-ammont dikjarat ghas-sena 1995 peress li l-figura moghtija kienet wisq oghla minn dik tas-snin ta' qabel u deher li l-commission li qabel kienet tithallas lil Azzopardi issa spiccat u giet inkorporata fis-salarju; l-appellant ikkontenda li peress li l-principal kien marad u x-xoghol inbidel bhala konsegwenza, kien gie miftiehem li titnehha l-kummissjoni.

Dwar dan il-punt importanti l-Arbitru wara hafna differimenti sema' bil-gurament lill-principal u dan deher pjuttost ostili ghall-appellant li mieghu kien spicca l-Qorti. B' dana kollu huwa stqarr li f' dik is-sena kellu problemi ta' sahha, u ghalkemm cahad li kien hemm xi bdil fix-xoghol li kien jaghmel l-appellant, huwa stqarr li: "jiena nikkonferma li kont naf illi wara li jien imradt l-appellant ma baqax jahdem bil-commission imma beda jithallas salarju oghla milli kellu."

Ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jikkonfermaw li z-zieda li tidher notevoli li kien hemm fl-ammont ta' salarju li l-appellant jghid li qala' ghas-sena in kwestjoni u li fuqu ghandhom isiru l-kalkoli ghal pensjoni dovuti, hija veritiera u gustifikata, u ghalhekk l-appell qed jigi milqugh fis-sens li d-dipartiment ghandu jaghmel ir-revizjoni opportuna."

Kif jidher manifest, bl-imsemmija decizjoni tieghu l-Arbitru, filwaqt li laqa' l-appell li sar lilu minn Richard Azzopardi, irrevoka d-decizjoni precedenti tad-Direttur. Hija din id-decizjoni ta' l-Arbitru li qeghda hawn tigi attakkata mid-Direttur appellant li talab ir-revoka taghha. L-aggravju principali tieghu hu dak li l-vertenza quddiem l-Arbitru kellha tigi deciza in bazi ghall-Artikolu 58 (c) (ii) tal-Kapitolu 318 ghar-raguni li, skond l-appellant, l-ammont ta' dhul ta' l-appellat ghas-sena 1995 kien jinkorpora fih, oltre s-salarju, hlas ta' kummissjonijiet u fuq dawn ta' l-ahhar ma thallset ebda kontribuzzjoni tas-sigurta` socjali;

Ghal dan l-aggravju l-appellat wiegeb hekk:-

(1) Una volta l-gudizzju ta' l-Arbitru ssodisfa r-rekwiziti tad-diskrezzjonalita` konferiti lilu mil-ligi, dak il-gudizzju ma jistax aktar jigi sindikat;

(2) Il-provi juru li fis-sena in kwestjoni kellu zieda fis-salarju tieghu korrispondenti ghaz-zieda fil-mansjonijiet tieghu. L-istess principal tieghu kkonceda li hu ma baqax jahdem bil-*commission* izda unikament b' salarju. Jekk il-kontribuzzjoni tas-sigurta` socjali ma thallsetx din hi materja li se mai ghandha tikkolpixxi lill-principal tieghu u mhux lilu;

Minn kif impustat, l-appell jikkonsisti essenzjalment fi stedina lil din il-Qorti biex din taghmel ri-valutazzjoni tal-provi quddiem l-Arbitru u biex allura tiddipartixxi mill-konkluzjoni tieghu;

Huwa fatt li fuq il-punt legali kieku wiehed kellu ghall-mument joqghod fuq is-sottomissjoni ta' l-appellant allura jkun ifisser, ex-Artikolu 58 tal-Kapitolu 318 illi ghal finijiet tal-komputazzjoni tad-dhul pensjonabbli d-Direttur m' ghandux jikkalkola zieda f' xi salarju jekk dik iz-zieda tkun intiza li tissostitwixxi xi forma ta' dhul jew rimunerazzjoni iehor li qabel kien jircievi l-kontribwent minn x' imkien iehor u li dwarhom ma kellhiex tithallas kontribuzzjoni. Dan s' intendi jibqa' hekk il-kaz sakemm ma jigix demostrat li tabilhaqq iz-zieda ricevuta f' salarju kienet *bona fede* u tikkorrispondi ghall-verita`. Il-kwestjoni ghalhekk trid b' necessita` logika tirrizolvi ruhha fl-analisi tal-provi prodotti. Fuq kollox, jekk l-appellat irnexxielux jipproduci l-prova minnu rikjesta li jikkonvinci lill-Arbitru meta dan ghadda biex jilqa' t-talba tieghu;

Fuq ir-ri-ezami taghha tax-xhieda ta' Dennis Azzopardi, direttur tas-socjeta` Lubrico Ltd li taghha l-appellat kien impjegat, ma jidherx li din tista' b' xi mod tissufraga t-tezi centrali tad-Direttur appellant in kwantu ghall-fatt allegat illi z-zieda fis-salarju kienet timmaskera kummissjonijiet ricevuti. Id-dikjarazzjoni konfessata minn dan ix-xhud,

fejn ikkonferma illi wara li hu marad l-appellat ma baqax jahdem bil-*commission* imma beda jithallas salarju oghla milli kellu, hi bizzejjed esplicita` u ma thalli lok ghall-ebda dubju. Jista' jinghad ghalhekk illi, ammessa din id-dikjarazzjoni, it-tezi ta' l-appellant li fuqha ibbaza l-aggravju kollu tieghu taqa' bhal mazz karti, u dan igib illi din il-Qorti ma tistax ragonevolment tiddistruba d-diskrezzjoni adoperata mill-Arbitru f' dan il-kaz;

Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni tal-kwestjoni tad-diskrezzjoni accennata mill-appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu. M' hemmx kwestjoni illi s-setgha diskrezzjonali dwar l-accettazzjoni u l-apprezzament tal-provi hi investita fl-Arbitru meta jsir appell lilu mid-decizjoni tad-Direttur. Fuq dan ma ghandu jkun hemm ebda dissens. Ghaldaqstant meta l-Arbitru jsib bhala fatt li ma ghandux joqghod fuq it-taghrif, argoment jew decizjoni tad-Direttur hu ghandu s-setgha li jiddetermina fid-diskrezzjoni gudizzjarja tieghu li ma jsostnix dik id-decizjoni ta' l-appellanti;

Naturalment, kif gja drabi ohra ravvizat, dik id-diskrezzjoni ta' l-Arbitru mhix assoluta u nsindakabbli ghax kieku bosta mill-appelli lil din il-Qorti jigu rezi fix-xejn. Hu mistenni dejjem li dik l-istess diskrezzjoni tigi ezercitata fil-limiti tal-ligi u f' dawk il-limiti li tissenjala l-gurisprudenza ghall-ezercizzju tad-diskrezzjoni, sija jekk din hi wahda esekuttiva (ara **Kollez. Vol. XLV P I p 110**), sija jekk issir minn organu gudizzjarju kompetenti (**Kollez. Vol. XXXII P II p 317**). Fundamentalment, li fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni l-Arbitru jew l-organu gudizzjarju jimxu mhux biss *rite* imma anke *recte*;

Tradott dan kollu necessarjament ifisser illi hekk kif l-Arbitru ghandu s-setgha li jissindika d-diskrezzjoni tad-Direttur u jissostitwiha b' dik tieghu, hekk ukoll din is-setgha hi moghtija lil din il-Qorti fuq appell lilha mis-sentenza ta' l-Arbitru. Dan, s' intendi, jekk hekk thoss li jkun xieraq skond ir-rizultanzi ta' fatt. Il-kaz prezenti mhux

wiehed minn dawn u, kif gja espress, din il-Qorti hi sodisfatta li l-Arbitru wasal ghal decizjoni meqjusa fuq il-provi li kellu quddiemu. L-aggravju sottomess mill-appellanti ma jistax ghalhekk jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Skond il-prassi kostanti l-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------